**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru 329/2021 RM**

**Clayton Micallef (K.I. 134884M)**

**-Vs-**

**Joseph Mizzi (K.I. 671262M)**
**Martina Mizzi (K.I. 334890M) u b'digriet tas-16 ta' Mejju 2021 ġiet kjamata in kawża Kristina Mizzi u b'digriet ieħor tat-30 ta' Novembru 2022 Joseph Mizzi assuma l-atti f'isem Krstina Mizzi**

**Illum, 11 ta' Jannar 2024**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Clayton Micallef fir-Reġistru fit-22 ta' Novembru 2021 fejn talab li l-konvenuti Joseph Mizzi u Martina Mizzi jiġu kkundannati jħallsu l-ammont ta' sitt elef ħames mija u għoxrin Euro (€6,520) (Dok. A) liema ammont jirrappreżenta minn somma akbar ta' xogħol ta' kostruzzjoni magħmul minnu fuq inkarigu tagħhom.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 2113/2021, l-ittra uffiċjali taħt l-artikolu 166A bin-numru 2198/21 u bl-imgħax legali sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-konvenuti li minn issa inġunti għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta ppreżentata minn Joseph (Joseph Mary) Mizzi u Martina Mizzi fid-9 ta' Marzu 2022 fejn ġie eċċepit:-

1. *"Illi d-domandi kontenuti fir-rikors tar-rikorrenti kif ukoll il-fatti allegati huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu għar-raġunijiet hawn taht indikati u kif aktar ser jigu fis-smiegh ta' din il-kawza.*

2. *Illi prelimarjament l-intimata Martina Mizzi (K.I. Nru 0334890M) m'hijiex il-leġittmu kuntradittur fil-kawża u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju u dan stante illi hija m'għandha l-ebda relazzjoni kuntrattwali mal-attur stante li l-kuntratt tal-appalt sar bejn Joseph-Mary Mizzi (K.I. Nru 0671262M) u Micallef Clayton (K.I Numru; 0134884M). Illi, l-intimata Martina Mizzi hija s-sid tal-appartamemt immarkat bin-numru erbgħa (4) filwaqt li hija fil-fatt oħta Kristina Mizzi (K.I. 588992M) s-sid tal-penthouse fl-istess fond numru 42, 'Degmer', Triq il-Kapumastru, Zejtun u x-xogħol mertu ta' din il-kawża sar għaliha u dan skont żewġ irċevuti fiskali li ħargu f'isem Kristina Mizzi ta' EUR 5,000- il waħda, datati 22 ta' Lulju 2021 u 3 t'Awwissu 2021 rispettivament.*

3. *Illi fuq bażi preleminari l-intimati m'għandhom l-ebda relazzjoni kuntrattwali ma Construction. Illi l-isem CCM Construction qiegħed jintuża bħala persuna u/jew entita' separata u distinta u mhux biss sempliċiment bħala trade name. Illi bid-dovut rispett il- fattura li qed tiġi kontestata sa mill-ewwel ġurnata inħarget minn CCM Constuction b'numru tal-VAT li ma kienx attiv. Illi f'dan is-sens l-liġijiet fiskali huma ċari kristall u cioe' fuq il-fattura għandu jkun hemm riprodott l-isem ta' l-entita' u mhux it-trade name.*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu, l-ammont imsemmi*

*m'huwiex dovut stante li l-attur abbanduna l-lant tax-xogħol li laħaq sar ma sarx skont is-sena u l-arti, u fil-fatt sar b'nuqqas ta' ħarsien u osservanza tar-Regolamenti tal-Awtorita għas-Saħħa u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xogħol.*

5. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-intimati m'għanhomx jagħti xejn lill-attur, stante li dan tħallas dak kollu dovut lilu permezz u anzi tħallas dak kollu dovut lilu permezz u anzi tħallas iżjed milli kien dovut.*

6. *Salv eccezjonijiet ulterjuri, skond il-ligi.*

*Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti, illi jinsab minn issa inġunt għas-subizzjoni."*

Rat id-digriet mogħti fis-16 ta' Mejju 2022 li permezz tiegħu ġie ordnat li tissejjaħ fil-kawża Kristina Mizzi, a spejjeż provviżorjament tal-attur;

Rat illi b'digriet mogħti fit-30 ta' Novembru 2022 ġiet milqugħa t-talba tal-konvenut Joseph Mizzi u ġie awtorizzat jassumi l-atti f'isem bintu l-imsejħa fil-kawża Kristina Mizzi stante li din tal-aħħar hija assenti minn Malta għaliex tgħix ġewwa l-Olanda;

Rat illi l-konvenut Joseph Mizzi laqa' n-notifika għall-imsejħa fil-kawża;

Semgħet ix-xhieda kollha u rat l-Affidavits tax-xiehda li ġew ippreżentati fl-atti proċesswali;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiżiti ;

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-abbli avukati tal-partijiet fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2023;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' bilanċ dovut fuq ftehim tal-appalt.

Mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi jirriżulta illi l-attur Clayton Micallef ingħata appalt biex ilesti xi xogħol ta' kostruzzjoni li kien għad jonqos isir fil-blokk ta' appartamenti li kien qed jiġi żviluppat fis-sit 42, 'Degmer', Triq il-Kapmastru, Zejtun. Filwaqt li kienet il-konvenuta Martina Mizzi li għamlet il-kuntatt inizzjali mal-attur fil-11 ta' Lulju 2021 (Dok. CM1), jirriżulta illi l-ftehim tal-appalt ġie negozjat u konkluż mal-konvenut Joseph Mizzi, kif ġie del resto affermat mill-imħarrkin kollha fir-Risposti rispettivi tagħhom. L-eżekuzzjoni tal-appalt ukoll kien qed jiġi sorveljat mill-istess konvenut Joseph Mizzi, li xehed li kien qed jaġixxi bħala l-*project manager* tal-iżvilupp u fir-rigward, l-attur kien jikkomunika biss miegħu.

Il-verzjoni tal-attur hi li huwa ngħata l-appalt biex ilesti xogħol ta' kostruzzjoni tal-penthouse, li kien diġa' kważi mibni kollu minn terzi, liema xogħol kien jikkonsisti fil-bini ta' żewġ filati oħra tal-ħitan, il-kostruzzjoni tas-saqaf tal-penthouse u tat-tromba tat-taraġ, u l-bini ta' erba' filati oħrajn fuq il-bejt tal-penthouse.

Il-konvenuti Joseph Mizzi u Martina Mizzi wkoll jaqblu, kif ġie eċċepit fir-Risposta tagħhom, illi x-xogħol oġġett tal-ftehim tal-appalt mertu tal-kawża kellu jitwettaq fil-penthouse li s-sid tiegħu hija Kristina Mizzi.

Iżda meta xehed quddiem il-Qorti, il-konvenut Joseph Mizzi sostna illi "*l-appalt kien jikkonsisti fix-xogħol kollu ta' kostruzzjoni rimanenti biex il-blokka tkun lesta*" u elenka s-segwenti bħala x-xogħolijiet li ġie miftiehem li kellhom jitwettqu mill-attur, liema xogħolijiet mhux ristretti għal-livelli tal-penthouse u l-bejt:-

- "*jieħu ħsieb biex ineħħi l-għodda u materjal ieħor tal-bennej preċedenti fosthom shutter ta' l-injam, magna tal-ġebel, jakkijiet u affarijiet oħra li kienu jappartjenu lil Bryden Azzopardi u jagħmillhom fil-garaxx fl-istess blokka.*
- *Jiżbarazza u jnaddaf is-sular tal-penthouse u s-sular ta' taħtu minn ġebel, u skart tal-kostruzzjoni.*

- *Ikompli x-xogħol ta' kostruzzjoni kollu fil-blokka kollha fosthom:*

  I. *Saqaf tal-konkos fil-penthouse*

  II. *Jitkompla t-taraġ fil-komun*

  III. *Jitkompla is-shaft tal-lift*

  IV. *Tissaqqaf it-tromba tal-komun*

  V. *Issir ċinturin tal-konkos fil-perimetru tal-galleriji tal-faċċata kollha f'kull sular*

  VI. *Issir ċinta tal-bricks mimlji bil-konkos fil-gallariji kolla ta' wara f'kull sular*

  VII. *Ippoġġi blata tal-konkos fl-appartament numru tlieta u jqiegħed filata ta' brick 'tal ħeffief' liema materjal kien diga jinsab fuq il-post"*

L-attur u l-konvenut Joseph Mizzi qablu li l-prezz totali dovut għall-appalt ikun fis-somma ta' €16,520, skont kif jirriżulta wkoll mill-fattura datata 18 ta' Lulju 2021. Din il-fattur nħarġet f'isem Martina Mizzi (Dok. CM4) għaliex, skont l-attur, hekk talab missierha l-konvenut Joseph Mizzi.

Mhux kontestat[1] illi l-permessi tal-iżvilupp tal-binja (PA 2983/19) inħarġu f'isem il-konvenuta Martina Mizzi bħala l-iżviluppatur, ('*the Developer*') iżda l-konvenuti jikkontendu li Martina Mizzi hija l-proprjetarja biss tal-appartament bin-numru 4 fil-blokk taħt żvilupp, filwaqt li l-imsejħa fil-kawża Kristina Mizzi hija l-proprjetarja tal-penthouse fejn ġie eżegwit l-appalt.

Fil-kors tal-eżekuzzjoni tal-appalt, l-attur irċieva żewġ pagamenti akkont tal-prezz tal-appalt fis-somma globali ta' €10,000 u l-partijiet jaqblu illi kien il-konvenut Joseph Mizzi li kien talab lill-attur joħroġ ir-riċevuti tal-ħlas f'isem Kristina Mizzi.

Ikkunsidrat;

[1] Ara xhieda ta' Joseph Mizzi, paġna 100 (para. 16 tal-Affidavit).

Illi l-konvenuta Martina Mizzi kif ukoll l-imsejħa fil-kawża Kristina Mizzi jeċċepixxu b'mod preliminari li ġew imħarrkin ħażin għaliex ma għandhom ebda rapport kuntrattwali mal-attur u konsegwentement, għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju. Din l-eċċezzjoni għandha tiġi mistħarrġa u deċiża qabel l-eċċezzjonijiet l-oħra fil-mertu.

Minn eżami tal-atti jirriżulta li tassew il-konvenuta Martina Mizzi u l-imsejħa fil-kawża Kristina Mizzi ma kienux qabbdu lill-attur u tawh il-kuntratt tax-xogħol, u għalhekk ma jistgħux jitqiesu bħala l-kommitenti jew l-appaltanti tal-*locatio operis*. Madankollu, jekk jirriżulta mill-provi li huma jew xi ħadd minnhom kien materjalment u effettivament parti fin-negozju li ta lok għall-kawżali li fuqha tinsab mibnija d-domanda attriċi, dan ikun biżżejjed biex jinstawra relazzjoni guridika li abbazi tagħha l-imsemmija imħarrkin jista' jitqiesu bħala *prima facie* legittimu kontradittturi sabiex iwiegbu għat-talba attriċi.

Fil-każ **Pauline MacDonald vs Medistar Healthcare Services Limited et**[2], deciza fit-28 ta' Settembru 2016 il-Qorti qalet hekk:

*"Il-kriterji li jirrendu parti f'kawza bhala legittimu kontradittur jirrizultaw ben cari mill-gurisprudenza:*

***Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited** deciza fid-9 t'April 2008 mill-Qorti tal-Appell:*

*"In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li*

[2] Rik. Ġur. Nru 700/14.

*miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika.”*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et** deciza fil-5 ta’ Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell, kien gie ritenut ukoll illi:

“*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.*”

Il-Qorti rat l-atti u tosserva li jirriżulta ppruvat ukoll illi l-konvenuta Martina Mizzi kienet applikat għall-permess għall-iżvilupp tal-binja sħiħa f’isimha, bħala l-iżviluppatur, u kienet hi wkoll li għamlet il-kuntatt inizzjali mal-attur. Il-fattura għall-ħlas tal-prezz tal-appalt ukoll inħarġet f’isimha (Dok. CM4).

In kwantu għall-imsejħa fil-kawża Kristina Mizzi, jingħad illi fir-Risposta tal-konvenuti Joseph Mizzi u Martina Mizzi ġie eċċepit illi x-xogħol appaltat lill-attur ġie eżegwit fil-penthouse li tiegħu hija s-sid l-istess Kristina Mizzi u għalhekk, kellha twieġeb hija stess għat-talba għall-ħlas reklamat mill-attur. Il-konvenut Joseph Mizzi ukoll xehed illi l-pagamenti akkont tal-prezz tal-appalt ġew imħallsin lill-attur minn self bankarju avvanzat lil Kristina Mizzi u jaqbel li huwa talab lill-attur joħroġ ir-riċevuti tal-imsemmija pagamenti f’isimha.

Applikat l-insenjament fuq ċitat għal dawn il-fatti, hija l-fehma tal-Qorti illi l-istess fatti appena stabbiliti huma fihom infushom biżżejjed biex iwassluha għall-konkluzjoni li d-deduzzjoni sija tal-konvenuta Martina Mizzi u sija wkoll tal-imsejħa fil-kawża, fil-ġudizzju, hija radikata fl-eżistenza ta' xi xorta ta' rapport ġuridiku mal-appalt mogħti lill-attur, rapport li jnissel fiż-żewġ imħarrkin leġittimazzjoni passiva biżżejjed biex jista' jingħad illi ma ġewx imħarrkin ħażin jew li mhux leġittimu kontraditturi tat-talba attriċi. Dan għaliex hu stabbilit ness materjali bejn it-talba għall-ħlas dedotta mill-attur u l-istess imħarrkin, tant illi dawn tal-aħħar ma jistax jitqiesu bħala kompletament estraneji għall-obbligu għall-ħlas propost mill-attur fir-Rikors promotur.

Għaldaqstant, l-ewwel eċċezzjoni preliminari fir-Risposti relattivi tal-imħarrkin Martina Mizzi u Kristina Mizzi, sejrin jiġu respinti.

Iżda dan stabbilit, il-Qorti trid tagħmilha ċar illi d-dikjarazzjoni tagħha li l-konvenuta Martina Mizzi kif ukoll l-imsejħa fil-kawża, ġew imħarrkin leġittimament, ma tfissirx illi ma tistax fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-eċċezzjonijiet fil-mertu, tasal għall-konklużjoni li waħda jew iktar mill-istess imħarrkin hi estraneja għall-obbligu invokat mill-attur fl-azzjoni minnu propost u l-obbligu għandu jiġi eżegwit minn xi ħaddieħor mill-imħarrkin. Għalhekk, kull aspett relattiv ghall-mertu tal-pretensjoni tal-attur sejjer jiġi epurat fit-trattazzjoni dwar il-mertu tal-kawza, kif del resto ghadhom impregudikati l-eċċezzjonijiet l-oħra sollevati mill-konvenuta Martina Mizzi u l-imsejħa fil-kawża Kristina Mizzi.

Ikkunsidrat;

Illi l-imħarrkin kollha jeċċepixxu wkoll in-nuqqas ta' relazzjoni kuntrattwali ma' CCM Construction, id-ditta li ħarġet il-fattura datata 18 ta' Lulju 2021 lil Martina Mizzi. Il-Qorti tibda biex tosserva illi kif sewwa ġie eċċepit mill-imħarrkin fir-Risposta rispettiva tagħhom, CCM Construction hija biss isem tan-negozju (*trade*

*name*) u mhux l-isem ta' persuna naturali jew ta' xi korp morali jew ġuridiku u għaldaqstant, ma jidhrix li għandha personalita' ġuridika awtonoma. Madankollu, ir-Rikors promotur ma ġiex intavolat minn CCM Construction iżda mill-attur Clayton Micallef bħala persuna naturali iżda li jeżerċita l-kummerċ taħt dak l-isem. Dan ifisser li CCM Construction *de proprio* m'hijiex waħda mill-partijiet fil-proċeduri: kemm hu hekk, ma għamlet l-ebda talba awtonoma fil-konfront tal-konvenuti, lanqas tramite l-attur Clayton Micallef li, evidentement, ma ressaqx ir-Rikors jew għamel xi talba f'xi kwalita' rappreżentattiva jew għan-nom ta' CCM Construction.

Għaldaqstant, filwaqt li tassew il-konvenuti ma għandhom ebda relazzjoni ġuridika ma' CCM Construction, ma jirriżultax li l-attur qiegħed jivvanta ebda pretensjoni f'din l-azzjoni f'xi kwalita' rappreżentattiva tal-imsemmija ditta u għaldaqstant din l-eċċezzjoni ma jistħoqqilhiex iktar konsiderazzjoni.

Ikkunsidrat;

Fil-mertu, il-konvenuti jilqgħu għat-talba għall-ħlas tal-bilanċ reklamat mill-attur billi jikkontendu li m'hu dovut ebda ħlas għaliex l-attur abbanduna l-appalt, ma lestiex ix-xogħolijiet u wettaq ukoll xogħol difettuż li baqa' ma ġiex rimedjat, tant illi l-appalt kellu jiġi terminat. Dan hu kontestat mill-attur li jsostni li huwa wettaq ix-xogħol kollu appaltat lilu u kwalunkwe dewmien fit-tlestija tal-appalt hu dovut biss lill-aġir tal-konvenut Joseph Mizzi li għamel minn kollox biex ma jaġevolax it-tlestija tal-appalt.

Huwa prinċipju assodat illi l-partijiet f'kuntratt tal-appalt jistgħu jinħallu mill-obbligi kuntrattwali tagħhom unilateralment mingħajr ebda obbligu li jagħtu raġunijiet, wisq inqas raġunijiet validi għal dan: l-effetti tat-teminazzjoni tal-kuntratt ta' appalt jinsabu regolati mill-Artikolu 1640 tal-Kodiċi Civili li jipprovdi illi min jagħti x-xogħol jista' jħoll, meta jrid, il-kuntratt, għalkemm ix-xogħol ikun diga` beda.

Il-Qorti tosserva illi din id-dispożizzjoni legali tikkostitwixxi deroga mill-prinċipju fondamentali tal-liġi tal-kuntratti illi f'kuntratt bilaterali jew sinallagmatiku, l-ebda waħda mill-partijiet ma tista' unilateralment tiddeċiedi li tħoll rabta kuntrattwali magħmula ma' parti oħra. Fil-kuntratt partikolari tal-appalt, il-liġi trid li min jagħti x-xogħol, cioe` **l-appaltant, f'dan il-każ il-konvenut, jista' jagħżel li jħoll il-kuntratt meta jrid, tant illi l-liġi tippermetti espressament li l-ħall jista' isir anke jekk ix-xogħol ikun inbeda diga`**. B'żieda ma' dan, il-ligi tipprovdi wkoll illi l-appalt jinħall immedjatament malli min ikun ta x-xoghol jinforma lill-appaltatur, b'kull mezz li jkun, bid-deċiżjoni tiegħu li jħoll il-kuntratt, u dan bla ħtieġa ta' ebda awtorita` jew konferma mill-qorti. Din l-għażla jkollha effett minnufih malli jingħata avviż lill-appaltatur, ikun kif ikun anke verbalment.

In propositu intqal hekk:-

"*Illi l-qofol ta' tali jedd huwa l-aspett unilaterali tiegħu u jidher li tali jedd huwa mibni fuq dak li jiddisponi l-artikolu 1671 tal-Kodiċi Ċivili taljan. Kif ġie mfisser f'dan il-kuntest, "tale diritto puo` essere fatto valere senza darne giustificazione alcuna e senza necessità di accettazione dell'altro contraente, trattandosi di recesso ad nutum, che si perfeziona con la notizia datane all'appaltatore e al prestatore d'opera, e che puo` essere esercitato in qualsiasi momento successivo alla conclusione del contratto, e, quindi, sia quando le opere non abbiano avuto ancora inizio, sia nel corso della loro esecuzione, sia in epoca prossima al loro compimento.*"[3]

Illi madankollu, f'kaz bħal dan, hija relevanti ferm **ir-raġuni** għaliex il-komittent tax-xogħol jagħmel għażla bhal din, u dan għaliex jekk ikollu raġuni tajba biex itemm l-appalt, ikun obbligat biss li jħallas lill-appaltatur somma rappreżentanti l-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol **wara li jittieħed qies tal-utilita` tagħhom, kif ukoll id-danni li jkun sofra l-istess komittent**. Iżda jekk, d'altronde, il-komittent ma

---

[3] Artikolu 1640(5) tal-Kap. 16. 39 Cassazione 14.6.1972 no. 1870, citata f'**Cutajar Construction Limited vs Gregoire**, Appell Civili, deciza 29 ta' Marzu 2019.

jkollux raguni tajba għat-terminazzjoni tal-appalt, huwa jkun irid iħallas lill-appaltatur **somma li ma teċċedix l-ispejjeż kollha li jkun nefaq u l-valur tax-xogħol mogħti, flimkien ma' somma oħra kif maħsub fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili**:-

*"Jekk ma jkunx hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur l-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu flimkien ma' somma li tiġi meqjusa mill-qorti, skont iċ-ċirkostanzi, iżda mhux iżjed mill-qliegħ li l-appaltatur seta' jagħmel b'dak l-appalt."*

Għaldaqstant, jeħtieġ illi jiġi stabbilt jekk it-temm unilaterali tal-appalt da parti tal-konvenut Joseph Mizzi saritx għal raġuni tajba, għaliex kif rajna l-eżistenza o meno ta' raġuni valida għat-terminazzjoni hija determinanti biex jiġi stabbilit id-drittijiet u obbligi rispettivi tal-partijiet in konnessjoni mal-ħlas tal-ispejjeż tal-appalt.

Fil-każ in diżamina, il-ftehim tal-appalt ma sarx bil-miktub iżda ntlaħaq ftehim verbali bejn l-attur u l-konvenut Joseph Mizzi u l-appalt jidher li beda jiġi eżegwit għall-ħabta ta' nofs Lulju 2021.

**Il-verżjoni tal-attur** dwar il-fatti li wasslu għat-terminazzjoni tal-appalt hi illi meta lejn nofs Awwissu 2021 huwa talab lill-konvenut Joseph Mizzi għall-ħlas tal-bilanċ tal-prezz tal-appalt kif maqbul, fis-somma ta' €6,520, huwa ġie mgħarraf li qabel xejn ix-xogħol kellu jiġi ċertifikat mill-perit tal-bank li kien ħareġ is-self bankarju għall-ħlas tax-xogħolijiet tal-kostruzzjoni. Isostni li sadanittant, huwa baqa' jeżegwixxi l-ftit xogħolijiet li kien għad fadal iżda ftit wara, il-konvenut Joseph Mizzi ma bediex iwieġeb it-telefonati u l-messaġġi biex jagħtih aċċess għas-sit biex ikompli jaħdem, u dan wara li kien ħadlu lura ċ-ċavetta tas-sit. Xehed ukoll li l-konvenut ma riedux juża l-bricks li kien ġab hu għaliex allegatament ma kienux tal-istess daqs tal-oħrajn, iżda baqa' ma weġbux biex jgħidlu minn fejn seta' jakkwista iktar bricks bħal dawn li ntużaw mill-bennej preċedenti, biex ikun jista' ilesti x-xogħol tal-bini. Skont l-attur il-bricks li kienu tħallew fil-post ma kienux servewh għaliex il-konvenut kien ordna xi

xogħol addizzjonali b'żieda ma' dawk oġġett tal-appalt originali. L-attur saħaq ukoll li l-konvenut baqa' ma wieġbux lanqas meta talbu biex japplika għall-permess għall-crane biex jagħti l-konkos lis-saqaf[4] u baqa' qatt ma ġab il-permessi meħtieġa, minkejja li kien laħaq kera l-crane. Għaldaqstant, anke billi għalhekk ma kellux iktar aċċess għall-blokka, ma setax ilesti l-ftit xogħol li kien għad fadal.

Imbagħad b'ittra tal-31 ta' Awwissu 2021 il-konvenut għarrfu li jekk l-appalt ma jitlestiex fi żmien tliet ijiem, sejjer itemm l-appalt. Iżda minkejja li l-attur mar ikompli bix-xogħol, il-konvenut baqa' ma tahx aċċess u baqa' ma ġabx il-permessi meħtieġa u lanqas tah l-informazzjoni li kien talbu dwar il-bricks: minflok, għarrfu li l-appalt kien ġie mitmum. Għamillu ostakoli wkoll biex jieħu lura l-għodda personali tiegħu minn fuq il-post. Madankollu, l-attur jikkontendi li minkejja dawn l-ostakoli kollha, irnexxielu jlesti x-xogħolijiet kollha li kienu appaltati lilu skont il-ftehim oriġinali.

**It-teżi tal-konvenuti** hi li minkejja illi skont il-ftehim milħuq mal-attur, ix-xogħol appaltat kellu jitlesta malajr u fi kwalsiasi każ sa mhux iktar tard minn nofs Awwissu 2021, l-attur naqas milli jlesti l-appalt fiż-żmien pattwit u rrifjuta li jkompli jeżegwixxi x-xogħolijiet li kien għad fadal sakemm jitħallas minn qabel il-bilanċ dovut fuq l-appalt.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat il-provi. Għalkemm il-konvenut Joseph Mizzi xehed illi x-xogħol kellu "*jitlesta malajr*" u lill-attur kien qallu ripetutament illi fil-bidu ta' Settembru 2021 ried jagħmel il-kontrabejt biex jiġi evitat li jsir ħsara bl-ilma tax-xita, fl-ebda waqt ma xehed li l-attur kien obbligat skont il-ftehim tal-appalt li jlesti x-xogħolijiet kollha sa nofs Awwissu 2021. Mhux hekk biss, talli mkien fl-iskambju ta' messaġġi esebiti fl-atti proċesswali ma jingħad mill-konvenut Joseph Mizzi li l-attur kien obbligat ilesti x-xogħolijiet sa nofs Awwissu 2021, lanqas meta l-attur talbu għall-ħlas tal-bilanċ tal-

[4] Ara messaġġ tat-23.8.2021, paġna 48 tal-atti tal-kawża.

prezz fit-12 ta' Awwissu 2021, u ma għamel ebda riferenza kwalsiasi għal xi ftehim li seta' ntlaħaq f'dan is-sens. Filwaqt li mhux miċħud mill-attur li x-xogħol kellu jitwettaq f'qasir żmien – mill-iskambju ta' messaġġi esebit fl-atti jidher li sat-12 ta' Awwissu 2021 ix-xogħolijiet kienu waslu fi stadju avvanzat ferm[5] – il-Qorti ma taqbilx li huwa ppruvuat suffiċjentement li l-partijiet ftiehmu li l-appalt kellu jitlesta sa data partikolari, wisq anqas li x-xogħol kellu jitlesta sa mhux iktar tard mill-15 ta' Awwissu 2021.

**Għaldaqstant minn din il-perspettiva, il-Qorti ma taqbilx li l-konvenuti kellhom raġuni valida biex iħollu l-kuntratt tal-appalt għaliex ix-xogħolijiet ma tlestewx entro terminu pattwit.**

Ikkunsidrat;

**Illi kif rajna, hija wkoll il-verżjoni tal-konvenuti li l-appalt ġie mitmum għaliex l-attur abbanduna l-lant tax-xogħol: iżda fil-fehma tal-Qorti, dawn l-allegazzjonijiet ma jsibu ebda konfort fil-provi**. Qabel xejn għandu jiġi osservat illi filwaqt li l-konvenuti fir-Risposti rispettivi tagħhom jikkontendu li l-attur abbanduna l-lant tax-xogħol, mill-messaġġi skambjati kif ukoll mill-interpellazzjonijiet li saru bl-ittri tal-31 ta' Awwissu 2021 u tas-7 ta' Settembru 2021 jirriżulta illi l-attur ġie mwaqqaf mill-appalt minħabba allegat dewmien fit-tlestija tax-xogħolijiet u mhux minħabba abbandun tas-sit. Kuntrarjament għal dak li ġie eċċepit mill-konvenuti, il-Qorti ma riskontrat ebda prova li l-attur abbanduna l-lant tax-xogħol u ma taqbilx lanqas illi huwa rrifjuta li jkompli u jlesti x-xogħolijiet li kien għad fadal. Kemm hu hekk, mill-iskambju tal-messaġġi esebiti mill-attur - mhux kontestat mill-konvenuti - il-Qorti fehmet illi l-attur baqa' jeżegwixxi x-xogħolijiet fis-sit minkejja li fit-12 ta' Awwissu 2021 kien talab il-ħlas tal-bilanċ dovut fuq l-appalt u l-konvenut irrifjuta li jħallsu, filwaqt li fit-23 ta' Awwissu 2021 l-attur talab lil Joseph Mizzi biex japplika

[5] Il-fatt li jirriżulta illi fit-30 ta' Lulju 2021 il-konvenuti kienu diġa' kisbu mingħand il-bank il-ħruġ tac-cheque għall-ħlas tal-bilanċ tal-prezz tal-appalt fis-somma ta' €6,520, ifisser li x-xogħolijiet ma setgħux ma kienux diġa' fi stat avvanzat ta' tlestija. Dan ikompli jnaqqax ukoll mill-kredibbilita' tal-verżjoni tal-konvenuti li l-attur diġa' tħallas dak kollu dovut lilu u iktar minn dak li hu dovut lilu u għalhekk m'għandhom iħallsuh xejn iktar.

għall-permess meħtieġ għall-armar ta' crane biex jagħti l-konkos lis-saqaf. Jirriżulta wkoll mill-istess skambju ta' messaġġi li l-konvenut irrifjuta wkoll li japplika għal dan il-permess u baqa' qatt ma applika għalih minkejja diversi talbiet li sarulu mill-attur. Il-Qorti fehmet ukoll li sat-28 ta' Awwissu 2021 l-attur kien għadu qed jaħdem fil-post tant illi kien ġab konsenja ġdida ta' bricks fil-post u l-konvenut Joseph Mizzi kien għadu qed jagħtih struzzjonijiet dwar xi xogħolijiet li kien għad hemm bżonn isiru, inkluż li juża bricks tal-istess daqs biex ikompli l-kantunieri tal-penthouse. Imbagħad, fit-2 ta' Settembru 2021, l-attur kien għadu qed jistenna l-permess għall-armar tal-crane u lill-konvenut biex jagħtih aċċess għas-sit biex jkompli jaħdem, filwaqt li fis-7 ta' Settembru 2021 meta l-attur mar ikompli bix-xogħol, il-konvenut ma kienx mar jiftaħlu. Dakinhar stess, 7 ta' Settembru 2021 il-konvenut bagħtlu messaġġ biex itemm l-appalt u jmur ineħħi l-għodda personali tiegħu minn fuq il-post li sadanittant, kienu għadhom fuq il-post.

Kollox magħdud, il-Qorti xejn m'hi sodisfatta bil-veraċita' tal-allegazzjoni li l-attur abbanduna l-lant tax-xogħol.

Ikkunsidrat;

**Illi ma taqbilx lanqas illi kien hemm xi dewmien esaġerat u kolpuż da parti tal-attur fit-tlestija tal-appalt, wisq inqas xi dewmien li jikkostitwixxi raġuni valida għat-terminazzjoni tal-appalt**.

B'zieda mal-fatt illi kif diġa' ingħad, ma kienx hemm terminu espressament pattwit għat-tlestija tal-appalt, u l-fatt li l-konvenuti ordnaw xi xogħolijiet addizzjonali fil-kors tal-eżekuzzjoni tal-appalt – allegazzjoni li ma ġietx miċħuda mill-konvenuti - din l-allegazzjoni tal-konvenuti m'hijiex sorretta mill-kontenut tal-messaġġi li ġew skambjati bejn il-partijiet.

Minn eżami ta' dawn il-messaġġi hu evidenti n-nuqqas ta' komunikazzjoni mhux da parti tal-attur, iżda da parti tal-konvenut Joseph Mizzi li jidher li ftit kien qed jaġevola

t-tentattivi tal-attur biex jitlestew ix-xogħolijiet. Fil-fatt, il-Qorti temmen il-verżjoni tal-attur illi l-konvenut Joseph Mizzi impedih milli jkompli u jlesti x-xogħolijiet. Kif diġa' ġie stabbilit, il-verżjoni tal-konvenuti li l-appalt kellu jitlesta sa nofs Awwissu 2021 ma ġiex ippruvat sodisfaċjentement u f'kull każ, jirriżulta li diġa' fit-12 ta' Awwissu 2021, l-uniku xogħol li kien għad jonqos li jitwettaq mill-appalt oriġinali kien is-saqaf tat-tromba u hu ppruvat li l-attur twaqqaf milli jagħmel dan ix-xogħol għaliex minkejja li kien għarraf lill-konvenut biex jikseb il-permessi għall-crane biex jingħata l-konkos, baqa' ma ngħatax aċċess għas-sit u lanqas inħarġu l-permessi.

Wara li semgħet ix-xhieda tal-konvenut Joseph Mizzi in kontro-eżami u l-komportament tiegħu fuq il-pedana tax-xhieda, u rat ukoll l-atti, tqis ukoll li hija verosimili l-verżjoni tal-attur li l-konvenut ħadlu ċ-ċavetta tal-fond, u mhux minnu li l-post kien ikun miftuħ kuljum bejn it-8.00 a.m. u t-3.00 p.m. Kemm hu hekk, il-konvenut ma jidhrix li qatt wieġeb għall-messaġġi li kien bagħtlu l-attur fejn sostna li kien iħallih jistenna barra u li ma kienx imur jiftaħlu, u mkien ma allega f'xi messaġġ li s-sit kien miftuħ.

Hu ovvju fil-fehma tal-Qorti li l-aġir tal-konvenut Joseph Mizzi mhux kompatibbli mal-komportament ta' persuna li jrid li l-appalt jitwettaq mill-attur fl-iqsar żmien possibbli u l-fatt illi evidentement ma kienx qed iwieġeb għall-messaġġi li kien jibagħtlu l-attur u ma tahx aċċess għall-post biex ilesti l-ftit xogħol li kien għad jonqos, jikkozza mal-verżjoni tiegħu li kien l-attur li kien qed jirrifjuta li jlesti l-appalt. Magħdud dan il-fatt illi, kif ġia' ngħad, il-konvenut Joseph Mizzi ftit li xejn ipprova jakkomoda lill-attur biex imur ineħħi l-għodda personali tiegħu mill-post wara li kien temm l-appalt, tant li kien insista li jkun l-avukat tiegħu li jagħtih appuntament alternattiv biex jiġbor l-għodda[6].

Ikkunsidrat;

[6] Paġna 57 tal-atti tal-kawża.

**Minbarra dan u fuq kollox, hija l-fehma tal-Qorti li l-konvenuti ma ppruvawx kif imiss li l-attur naqas milli jwettaq xi xogħolijiet minn dawk oriġinarjament appaltati**: kemm hu hekk, il-konvenuti naqsu milli jindikaw liema xogħolijiet baqgħu ma twettqux u l-konvenut Joseph Mizzi imkien ma fisser f'hiex jikkonsisti x-xogħol li kellu jitkompla minn terzi persuni li allegatament ġew inkarigati minnu għal dan l-iskop, la fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti u lanqas fl-ittra datata 31 ta' Awwissu 2021 li kien bagħat lill-attur b'interpellazzjoni biex ilesti x-xogħolijiet li kienu għadhom ma sarux.

Fir-rigward speċifikatament l-allegazzjoni li xogħol imwettaq mill-attur ma sarx skont is-sengħa u l-arti, il-Qorti tosserva illi tassew ġie allegat mill-konvenuti illi l-attur kien uża bricks ta' daqs differenti minn dawk li ntużaw għall-kostruzzjoni tal-bqija tal-blokka, li ħalla xi blajjet/travi tal-konkos sporġuti 'l barra, u li x-xogħol tal-konkos tas-saqaf ma sarx tajjeb fost allegazzjonijiet oħrajn, iżda l-konvenuti naqsu milli jissostanzjaw dawn l-allegazzjonijiet bi provi. In mankanza ta' opinjoni teknika esperta bi spjega tad-difetti allegatament riskontrati fix-xogħol appaltat u l-effetti ta' dawn id-difetti, ir-ritratti esebiti mill-konvenut Joseph Mizzi fix-xhieda tiegħu m'humiex biżżejjed biex jissostanzjaw kif imiss l-allegazzjoni li x-xogħol imwettaq mill-attur kien difettuż jew mhux komplut. Kien jispetta lill-konvenuti jressqu provi tajbin u suffiċjenti biex jikkonvinċu lill-Qorti li x-xogħolijiet oriġinarjament appaltati lill-attur għall-prezz totali ta' €14,000 pju' VAT, baqgħu ma tlestewx jew kienu difettużi, u biex ifissru liema xogħolijiet minn dawk appaltati - kif elenkati fix-xhieda tal-konvenut Joseph Mizzi - baqgħu ma sarux jew saru ħażin u mhux skont is-sengħa u l-arti.

Il-prova li x-xogħol eżegwit ma jilħaqx livell aċċettabbli fl-industrja tal-kostruzzjoni tinkombi lill-konvenuti li opponew għat-talba għall-ħlas b'din l-eċċezzjoni. Iżda l-Qorti għandha quddiemha biss ix-xhieda tal-konvenut Joseph Mizzi li ma jirriżultax li għandu xi kwalifiċi tekniċi fl-industrja u għalhekk, din ix-xhieda m'hijiex biżżejjed għall-prova kif imiss tat-twettiq ta' xogħol difettuż jew mhux komplut. Hawnhekk jiġi osservat illi filwaqt li l-konvenut Joseph Mizzi kien xehed minn jeddu li kellu

jqabbad lil terzi biex jirranġaw id-difetti li ħalla l-attur, in kontro-eżami afferma illi x-xogħol li ġie eżegwit mill-attur baqa' kif kien u ma ġiex rimoss. Affermazzjoni li għall-Qorti ma tistax ħlief tfisser li mhux ippruvat kif imiss li x-xogħol li wettaq l-attur kellu bżonn jiġi rettifikat jew magħmul mill-ġdid.

Il-konvenuti naqsu wkoll milli inkarigaw espert in materja u naqsu wkoll milli jitolbu perizja teknika ġudizzjarja, biex jiġi kostatat b'mod struwit dak ix-xogħol li ma sarx jew li huwa difettuż, il-valur tax-xogħol li ġie eżegwit mill-attur[7] u l-ispejjeż li jinħtieġu jintefqu biex ix-xogħolijiet jitlestew, jiġu rimedjati jew isiru mill-ġdid.

Dan kollu magħdud ifisser, fiċ-ċirkostanzi, li l-konvenuti naqsu milli jissodisfaw l-oneru tal-prova illi fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet mill-preponderanza tal-provi, l-attur m'għandux jedd għall-ħlas tal-bilanċ għaliex naqas milli jeżegwixxi x-xogħolijiet appaltati b'mod sħiħ, jew għaliex wettaq xogħol difettuż u naqas milli jirrimedjah.

Għalkemm, kif ġia' ngħad, il-konvenuti baqgħu ma wrewx bi provi siewja liema xogħolijiet minn dawk oriġinarjament appaltati baqgħu ma twettqux mill-attur, f'kull każ il-Qorti fehmet li tabilħaqq l-attur kien eżegwixxa dak kollu li kien jifforma parti mill-appalt oriġinali. Kemm hu hekk, wara li kien ġabar l-għodda mill-penthouse, l-attur għarraf lill-konvenut li x-xogħol kollu li kien ġie appaltat lilu, kien tlesta tant li kien neħħa wkoll ix-*shutters* tas-saqaf[8]. Dan jirriżulta wkoll mir-ritratti esebiti mill-attur li juru li s-saqaf bil-konkos u l-opra morta fuq il-bejt kienu lesti.

Kollox magħdud, il-Qorti tqis li filwaqt li l-konvenuti ma kellhomx raġuni tajba u valida għall-ħall tal-kuntratt tal-appalt, għaliex ma ġiex ippruvat li l-attur abbanduna l-lant tax-xogħol mingħajr ma lesta x-xogħolijiet appaltati, jew wettaq xogħol difettuż, fi kwalsiasi każ jirriżulta li l-appalt kien diġa' ġie eżegwit utilment. Għaldaqstant, l-attur għandu jedd għall-ħlas mingħand il-komittent ta' somma mhux inqas mill-

[7] B'riferenza għall-eċċezzjoni fil-ħames (5) paragrafu tar-Risposta tal-konvenuti Joseph Mizzi u Martina Mizzi u l-ħames paragrafu tar-Risposta tal-imsejħa fil-kawża Kristina Mizzi.
[8] Ara messaġġ f'paġna 58 tal-atti tal-kawża.

ispejjeż kollha li nefaq u l-valur tax-xogħol mogħti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili, li jfisser illi l-bilanċ tal-prezz dovut fuq l-appalt u reklamat mill-attur, fis-somma ta' €6,520 inkluż VAT, hu dovut lilu[9].

Ikkunsidrat;

Illi jonqos biss li jiġi stabbilit min mill-imħarrkin huwa obbligat għall-ħlas tal-bilanċ tal-prezz tal-appalt lill-attur. Il-Qorti tibda biex tosserva illi ma nġabitx prova kif imiss tal-proprjetarju tas-sit tal-iżvilupp jew tal-*units* individwali u l-partijet komuni tal-binja oġġett tal-appalt, u ma jirriżultax mill-provi jekk il-konvenut Joseph Mizzi huwiex is-sid tal-binja jew ta' xi *unit* jew parti oħra mill-blokka. Madankollu, l-imħarrkin jaqblu li l-konvenuta Martina Mizzi hija s-sid tal-appartament bin-numru 4 fil-blokka, filwaqt li l-imsejħa fil-kawża Kristina Mizzi hija s-sid tal-penthouse.

Jiġi mfakkar li l-konvenut Joseph Mizzi fix-xhieda tiegħu iddikjara li l-appalt kien jikkonsisti fix-xogħol kollu rimanenti biex il-blokka tkun lesta u ma kienx ristrett biss għal xogħolijiet fil-penthouse u fuq il-bejt tal-penthouse. Kemm hu hekk, huwa xehed li fost xogħolijiet oħrajn, l-attur ġie inkarigat biex iqiegħed blata tal-konkos fl-appartament bin-numru tlieta tal-blokka, kif ukoll biex jagħmel ċinturin tal-konkos fil-perimetru tal-gallarijiet kollha f'kull sular. Għalkemm dan ifisser illi l-appalt ġie mwettaq, talanqas in parti, għall-benefiċċju tal-proprjetarji kollha tal-blokka, u mhux kif ġie eċċepit fir-Risposta, għall-fond ta' Kristina Mizzi biss, il-komittent tal-appalt li ta x-xogħol lill-attur mhu ħadd ħlief il-konvenut Joseph Mizzi li waħdu innegozja u kkonkluda l-ftehim tal-appalt mal-attur, u ma jirriżultax li għamel dan għan-nom ta' persuni oħrajn. Għaldaqstant, hija ppruvata l-eżistenza ta' relazzjoni kuntrattwali biss bejn l-attur u l-konvenut Joseph Mizzi.

Fir-rigward, jinsab ritenut illi:-

---

[9] Il-Qorti fehmet li mhux kontestat mill-konvenuti li l-prezz totali tal-appalt ġie miftiehem fis-somma totali ta' €16,520: dan qed jingħad għaliex filwaqt li hemm qbil li l-attur irċieva pagament totali ta' €10,000 akkont tal-prezz, il-konvenut Joseph Mizzi irrikonoxxa fix-xhieda tiegħu li huwa kien bagħat ritratt ta' bank draft intestat lill-attur fis-somma ta' €6,520 iżda ma kienx għaddihulu.

"*Illi hija haga minn lewn* (*sic!*) *id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf illi jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor*."[10]

Naturalment, il-piż tal-prova li min ikkontratta għamel hekk f'isem ħaddiehor, tinkombi fuq min jagħmel allegazzjoni bħal din, iżda l-attur li ħarrek ukoll lil Martina Mizzi u lil Kristina Mizzi biex iwieġbu għat-talba għall-ħlas, ma ressaqx provi biex jikkonvinċi lill-Qorti li l-konvenut Joseph Mizzi ta x'jifhem li kien qed jikkuntratta l-appalt ukoll f'isem uliedu. Din il-konklużjoni hi msaħħa mill-fatt illi minkejja li fit-trattazzjoni finali ġie sottomess mill-abbli avukat tal-konvenuti li l-*units* fil-blokka nbnew wieħed għal kull waħda mit-tfal tal-konvenut Joseph Mizzi, il-konvenuti qatt ma ressqu prova tat-titolu ta' Kristina Mizzi u Martina Mizzi fuq xi wieħed jew iktar mill-*units* indivdwali fil-binja – għalkemm għandu jiġi emfasizzat illi l-komittent mhux dejjem jew neċessarjament irid ikun ukoll il-proprjetarju tas-sit tal-appalt.

Il-fatt illi l-fattura nħarġet f'isem Martina Mizzi li kienet għamlet il-kuntatt inizzjali mal-attur iżda ma kellha ebda involviment fil-konklużjoni tal-ftehim tal-appalt, hu immaterjali biex jistabbilixxi relazzjoni kuntrattwali mal-attur fl-appalt mogħti lilu, għaliex ma jfissirx li kienet il-konvenuta li tat ix-xogħol lill-attur; bħalma hu immaterjali wkoll il-fatt illi l-ħlas tal-prezz ta' parti mill-appalt seta' sar minn fondi tal-imsejħa fil-kawża Kristina Mizzi u l-fatt li r-riċevuta ta' dan il-pagament seta' nħareġ f'isimha (iżda dwar dan kollu ma nġabet ebda prova).

Għaldaqstant, il-Qorti hi sodisfatta biss bl-eżistenza ta' relazzjoni kuntrattwali ta' appalt bejn l-attur u l-konvenut Joseph Mizzi li waħdu hu obbligat għall-ħlas tad-debitu lill-attur, u konsegwentement it-talba attriċi serja tiġi milqugħa limitatament fil-konfront tal-istess konvenut Joseph Mizzi f'ismu proprju u mhux ukoll fil-konfront tal-konvenuta Martina Mizzi u l-imsejħa fil-kawża Kristina Mizzi.

[10] Qorti tal-Kummerc: **Avukat Dottor Keith Bonnici noe vs Mark Grima**, deciza fit-30 ta' April 1992.

**Għal dawn il-motivi kollha, taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tiċħad it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet fir-Risposta tal-konvenuti Joseph Mizzi u Martina Mizzi u tiċħad it-tielet eċċezzjoni fir-Risposta tal-imsejħa fil-kawża Kristina Mizzi, iżda tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha tagħhom safejn mhux kompatibbli ma' dak hawn deċiż, tilqa' t-talba tal-attur limitatament fil-konfront tal-konvenut JOSEPH (JOSEPH-MARY) MIZZI f'ismu proprju u konsegwentement tikkundannah iħallas lil CLAYTON MICALLEF is-somma bilanċjali ta' sitt elef ħames mija u għoxrin Euro (€6,520) għar-raġuni msemmija fir-Rikors promotur, bl-imgħax mid-data tal-preżentata tar-Rikors promotur, 22 ta' Novembru 2021[11], u bl-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut Joseph Mizzi għajr għal dawk tal-konvenuta Martina Mizzi u l-imsejħa fil-kawża Kristina Mizzi li għandhom jiġu sopportati mill-attur.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

[11] L-ittra ġudizzjarja bin-numru 2198/21, b'interpellazzjoni għall-ħlas, ma jidhrix li ġiet notifikata lil Joseph Mizzi u lanqas lil Martina Mizzi. Il-Qorti ħadet avviż ġudizzjarju ta' dan l-att.